MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 10/2012

**CHRISTINE AGIUS**

**Vs**

**JOINWELL LTD.**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza ippronunjzata mit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur imoghtija fis-27 ta' Gunju 2012 fejn gie deciz:-

*"Il-Tribunal,*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf u mitejn ewro (€ 1200), rapprezentanti prezz ta' sett ghamara tal-kcina li l-kulur tal-medja ma kienx jaqbel mal-kumplament tal-ghamara, kif ukoll kien hemm diversi nuqqasijiet.*

*L-intimat ma ppprezentax rrisposta bil-miktub ghal din it-talba u lanqas ghattenda ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi tal-kaz;*

***Ikkunsidra s-segwenti:***

*Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat sett tal-kcina minghand id-ditta intimate u li l-kulut tal-mejda ma kienx jaqbel mal-kumplament tas-sett tal-kcina, u kif ukoll li kien hemm diversi nuqqasijiet.*

***It-Tribunal jinnota illi:***

*It-Tribunal jinnota illi s-socjeta' intimate debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh u msejha tliet darbiet, baqghet ma dehritx ghas-seduta.*

*Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-hin tas-seduta, s-socjeta' intimate kienet ghadha ma baghtitx risposta bil-miktub ghal din it-talba.*

*It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti u kif ukoll ra r-ritratti pprezentati, qed jemmen il-verzjoni tar-rikorrenti li hija kredibli u accettabli.*

*Ghal dawn il-motivi:*

*It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' intimate thallas l-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200), bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata.*

*Avv Martin Fenech*

***Rikors ta' Joinwell Limited***

***Jesponi b'rispett***

*Illi b'sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur datat 27 ta' Gunju 2012, l-appellant gie kundannat ihallas l-ammont ta' euro 1200 rapprezentanti 'prezz ta' sett ghamara tal-kcina li l-kulur tal-mejda ma kienx jaqbel mal-kumplament tal-ghamara, kif ukoll hemm diversi nuqqasijiet.'*

*Illi l-fatti li taw lok ghal din is-sentenza huma dawn:*

*Illi s-societa appellanti bieghet u kkonsenjat lil Christine Agius kcina u mejda. Illi Christine Agius naqset li thallas l-prezz kif mifthiem u ghamlet din it-talba quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur. Illi Christina Agius ghandha thallas euro 1023 rappresentanti bilanc tal-prezz. Illi Joinwell Limited dejjem kienet lesta li tikkunsidra xi ilmenti u tiehdu l-azzjoni necessarju.*

*Illi dan it-Tribunal kien appunta l-kawza ghas-smiegh ghal 4 ta' Frar 2011. Illi direttur ta' Joinwell Limited kien kiteb lit-Tribunal u informa l-istess Tribunal li kien ser ikun imsiefer dak inhar. It-Tribunal differixxa l-kawza ghal 11 ta' Frar 2011. Dak inhar l-istess direttur kien ghadu msiefer.*

*Illi fil-11 ta' Frar 2011 t-Tribunal wara li sema' biss lil Agius iddifferiet l-kawza ghas-sentenza.*

*Illi fil-25 ta' Novembru 2011 giet presentata talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u sabiex is-socjeta' konvenuta tkunt ista' tressaq il-provi taghha.*

*Illi b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2011 Agius inghatat hames tijiem bix tirrispondi.*

*Illi qatt ma kien hemm digriet finali dwar it-talba ghas-sospensjoni tas-sentenza.*

*Illi r-rikorrent hass ruhu aggravate minn dina s-sentenza u ghalhekk qed jinterponi appella minnha minn quddien din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt t-Tribunal naqas li jaghti digriet finali in konnessjoni mat-talba tal-appellant ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.*

*Illi b'dan il-mod gie pregudikat l-appellant billi ma inghatax l-opportunita li jippresenta risposta u jixhed. Illi l-kawza dam pendentiu l-iktar haga kienet tkun li jinghata opportunita lil Joinwell Ltd sabiex tippresenta risposta u tixhed. Dan ukoll in vista tal-principju tal-audit alteram partem. It-Tribunal agixxa*

*kontra l-principji ta' gustizzja naturali meta naqset li tisma l-verzjoni ta' Joinwell u naqset li taghti digriet fuq it-talba taghha u b'hekk Joinwell Limited giet pregudikata.*

*Illi s-socjeta' konvenuta write mill-bidu li trid tikkontesta din it-talba izda qatt ma inghata opportunita li taghmel hekk. Kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni minn naha tat-Tribunal.*

*Illi dwar il-mertu Agius talbet l-ammont ta' euro 1200 bhala danni izda ma hemm l-ebda prova jew evidenza li jissostanzja dan l-ammont. Il-fatt li seta' kien hemm xi difetti ifisser li Joinwell Limited kellha tirranga dawn id-difetti u mhux li Joinwell tigi kkundannata thallas danni meta fil-fatt Agius ma sofriet ebda danni reali.*

*Illi fit-talba taghha Agius qalet li euro 1200 tirrappresenta 'prezz ta' sett ghamara tal-kcina li l-kulur tal-mejda ma kienx jaqbel mal-kumplament tal-ghamara.' Illi sema mai, fl-ghar ipotesi, kellu jinbidel il-kulur tal-medja u mhux li s-societa appellanti thallas euro 1200 lil Agius li lanqas hallset l-ammont mifthiem in konnessjoni ma' din l-ghamara tal-kcina.*

*Illi fir-rikors ta' Joinwell Limited gie spjegat li l-ilmenti kollha ta' Agius kienu gew irsolti hlief ghal ilment dwar il-kulur tal-mejda.*

*Illi Edward Galea stess mar fid-dar ta' Agius li kienet qieghed tilmenta li l-medja 'does not match'. Fil-fatt dan huwa kwistjoni ta' stil – minn punto di vista ta' kulur kemm il-kcina kif ukoll il-mejda kellhom 'light strips and dark strips in the finish'. Din hija l-mejda li l-kumpanija taljana li tipproduci dawn il-kcejjen toffri ma din il-kcina.*

*Illi f'kull kaz Agius ma ghandiex dritt li zzomm il-haga, ma thallasx il-bilanc u titlob li tithallas ta' danni meta fil-fatt ma sofriet ebda danni.*

*Illi fil-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal l-punti mressqa mis-socjeta' appellanti fir-rikors lanqas gew kkonsidrati.*

*Ghaldaqstant filwat li jinterponi l-appell mis-sentenza moghtija kontra taghha mit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi titlob lil din Onorabbli Qorti joghgobha tirrevika u tibdel is-sentenza billi taghti opportunita' lis-socjeta' appellanti sabiex tressaq il-provi taghha".*

*Dr. Philip Manduca"*

Illi s-socjeta intimata Joinwell Limited appellat minn dina id-decizjoni abbazi tas-segwenti aggravvji:

1. it-Tribunal agixxa kontra il-principji tal-gustizzja naturali meta naqas milli jaghti smigh xieraq lis-socjeta appellanti, dan wara illi hija ressqet talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u dana billi ma kenitx inghatat l-opportunita tressaq ix-xhieda taghha, liema talba qatt ma giet finalment dekretata u it-Tribunal ghadda ghas-sentenza. B'hekk gie lez id-dritt taghha ta'l-*audi alteram partem*.

2. Illi fil-mertu hemm nuqqas ta' provi in atti dwar l-ammont ta' €1200 mitluba bhala danni mill-attrici. Illi dana meta is-socjeta intimata lanqas inghatat l-opportunita li tirranga l-allegat difett lamentat. Illi l-ammont ta' €1200 kien jirrapprezenta il-prezz tal-mejda li allegatament kien fiha id-difett u kwindi fl-aghar ipotesi is-socjeta appellanti kellha tigi ikkundannata tirranga dana id-difett biss u mhux li thallas l-ammont ta' €1200 meta r-rikorrenti lanqas biss kienet ghada hallset dana l-ammont.

3. Illi id-differenza bejn il-kulur tal-mejda u l-kcina, fil-fatt kienet kwistjoni ta' stil u mhux difett, mejda li ghandha "*light strips and dark strips in the finish*" u li l-kumpanija taljana tipproduci mal-kcina mibjugha lir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti appellata tissolleva il-pregudizzjali dwar inammissibilita ta'l-appell fir-rigward ta'l-aggravvji dwar il-mertu, fl-eventwalita illi din il-Qorti tichad l-ewwel aggravvju ibbazat fuq il-ksur tal-principju tal-*audi alteram partem* u dana billi isostnu illi l-bazi tieghu ma jinkwadrax ruhu fid-dettami ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta. Fejn ghalhekk l-appell huwa imsejjes fuq apprezzament tal-provi, huwa kwindi irritwali.

Illi hi ligi esplicita skond l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 378 illi appell lil din il-Qorti mid-decizjoni tat-Tribunal jista' isir "(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal, jew (b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni, jew (ċ) meta t-Tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

Illi minn qari tar-rikors ta'l-appell jirrizulta illi l-appellanti qed jibbazzaw l-appell taghhom mid-decizjoni tat-Tribunal essenzjalment fuq il-ksur tal-principji tal-gustizzja naturali. Illi sentenza li studjat *funditus* dana il-principju hija bla dubbju dik fl-ismijiet Mary Zarb vs Emma Azzopardi deciza minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fit-28 ta' Marzu 2007 fejn huma mghallem:

"***Fir-rigward, din il-Qorti, f'sentenzi passati taghha, gja tat indikazzjoni ampja tan-nozzjoni ta' gustizzja naturali u tal-ksur taghha. Hekk, per ezempju, fis-sentenza taghha in re: "Joseph Debono -vs Phonica Systems Ltd", 19 ta' Mejju 2004, issenjalat illi l-principju tal-gustizzja naturali kien komprensiv taz-zewg regoli tradizzjonali "nemo judex in causa propria" u "audi alteram partem". Issoktat tippreciza illi "ma' l-ewwel regola hu allacjat il-principju notorju ta' l-imparzjalita` u allura tan-necessita` li mhux biss issir gustizzja imma anke li jkun jidher manifest li gustizzja qeghda ssir (ara "Avv. Dr. Antonio Caruana -vs- Caterina Gerada", Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ottubru 1968). Fil-kaz tat-tieni regola din solitament tabbraccja kwalsiasi materja ta' "fair hearing" u tal-principju tal-"equality of arms" ("Antonio Sammut -vs- John Bell McCance", Prim' Awla, Qorti Civili, 29 ta' Mejju 1946).***

***…… Apparti r-regola ta’ l-imparzjalita`, li dwar il-ksur taghha ma tqanqal ebda aggravju, huwa pacifiku illi r-regola l-ohra suddetta tinkorpora fiha z-zewg ingredjenti ta’ “efficiency” u ta’ “fairness”. Ta’ l-ewwel hi marbuta mad-dewmien eccessiv fl-amministrazzjoni tal-gusitizzja (ara, b’ ezemplari, “George Xuereb -vs- Registratur tal-Qrati et”, Qorti Kostituzzjonali, 8 ta’ Novembru 2004), li mhux il-kaz hawnhekk. Tat-tieni, u dak li l-aktar jinteressa l-kaz prezenti, hi kodici ta’ procedura korretta u ta’ “fair hearing”;***

***Essenzjalment, fin-natura multiforma taghha din ta’ l-ahhar tassumi dawn l-aspetti:-***

***(1) Id-dover li tinghata lill-partijiet fil-kawza l-opportunita` ragonevoli li jressqu l-provi u jaghmlu ssottomissjonijet taghhom;***

***(2) Id-dritt li s-setgha diskrezzjonali, affidata lil kull qorti jew tribunal, tkun ezercitata in relazzjoni ghall-materja ezaminata u ma tkun awtomatikament imxekkla minn ebda prekoncetti jew affetta minn “bias”;***

***(3) Id-dritt li d-decizjoni tkun bazata fuq stharrig probatorju logiku u b’ motivazzjoni sobrija li tindika r-ragunijiet ghaliex t-talba jew l-eccezzjonijiet ghaliha jkunu qed jigu milqugha jew michuda. Fi kliem iehor, il-process ghandu jipproduci dik id-decizjoni akkurata li tirrifletti l-verifiki korretti ta’ fatt u l-applikazzjoni tal-ligi.”***

Applikat dan li nghad ghall-kaz in dizamina din il-Qorti tibda biex telimina certi sitwazzjonijiet ta’ allegat ksur tal-principju. Ma hemm xejn x’ jindika mill-atti li t-Tribunal kien pregudikat favur r-rikorrenti u kontra s-socjeta intimata. Johrog madankollu mill-atti illi ghalkemm is-socjeta appellanti naqqset milli tipprezenta r-risposta taghha ghal kaz imressaq kontrieha, bit-talba taghha ghal differiment fl-ewwel seduta iffissata quddiem it-Tribunal fl-04 ta’ Frar 2011, hija wriet l-intenzjoni illi riedet tkun prezenti ghas-smigh tal-kawza u tressaq id-difiza taghha. Illi it-Tribunal iddiferixxa is-seduta ghal ftit jiem wara u precizament ghal sebat ijiem wara fil-11 ta’ Frar 2011 f’liema data ir-rapprezentant tas-socjeta intimata kien ghadu imsiefer u kwindi lanqas kien a konoxxenza ta’ din is-seduta. Dana huwa rifless fir-rikors ipprezentat fil-25 ta’ Novembru 2011 u cioe’ disa’ xhur wara li l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza. Illi ghalkemm fis-06 ta’ Dicembru 2011 it-Tribunal kien ordna notifika ta’ din it-talba lill-kontro-parti bi zmien ghar-risposta, liema risposta giet intavolata fl-04 ta’ Jannar 2012, dina it-talba imressqa mis-socjeta

appellanti qatt ma giet dekretata, bit-Tribunal ighaddi ghas-sentenza sitt xhur wara fis-27 ta' Gunju 2012.

Illi l-artikolu 23 tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta jistabilixxi illi l-proceduri quddiem it-Tribunal ghandhom jigu regolati mill-Arbitru bil-mod li jahseb li ikun l-aktar xieraq sabiex isir gustizzja u dana dejjem skont id-dettami tal-ġustizzja naturali. Fost affarijiet ohra l-Arbitru ghandu jizgura illi l-kaz li ikollu quddiemu jinstema fi zmien qasir u ghandu, daqskemm ikun b'mod raġonevoli possibbli, jinqata' fl-istess jum tas-smigħ tiegħu. Dana madanakollu ma ghandux isir ghad-detriment tal-principji tal-gustizzja naturali fosthom dak taht il-lenti ta' din il-Qorti u cioe' il-principju tal-*audi alteram partem.*

Illi f'sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fl-appell George Attard vs Mary Jane Portelli (deciza 14/07/2004) hemm imghallem:

"**Il-Qorti ghandha d-dover tassigura illi fejn jokkorri l-ligijiet ghandhom iservu wkoll biex jaghtu u jassiguraw l-opportunita`shiha lill-parti citata biex issemma lehinha u tiddefendi ruhha. U allura, kif drabi ohra ntqal, anke meta kien isaltan b'aktar qawwa l-formalizmu u r-rigorizmu, wiehed irid ihares "lejn dak li hu skond il-haqq u s-sewwa, lejn il-gustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn jinhtieg, immoderata mill-principju ta' l-ekwita`li wisq tajjeb giet imfissra bhala "la giustizia del dato caso". Ara Kollez Vol XXIX pI p1171 u Vol X pagna 1.**

**Jista' jigi obbjettat illi r-regoli jridu jigu segwiti ghall-ahjar ordinament tal-proceduri izda meta dawn, skond kif mahsub fl-Att innifsu, huma mhollija fid-diskrezzjoni tal-Gudikatur wiehed jistenna illi din l-istess diskrezzjoni tigi ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja sew mizurata u applikata bil-bon sens fil-limiti ragonevoli dettati mil-ligi, b'mod li jinholoq ekwilibriju bejn is-sommarjeta`minn naha u d-dettami tal-gustizzja naturali minn naha l-ohra. Ukoll sakemm ma jkunx jirrizulta fil-kaz partikolari illi dak li jkun ma jkunx ikkontribwixxa b'xi agir volontarju tieghu biex gab ruhu fil-qaghda ta' privazzjoni tad-dritt li dwarha jillamenta b'mod li allura jkun jghodd ghalih il-principju l-iehor "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire", allura ghandu jinghata l-beneficcju tas-smiegh li jkun qieghed jinvoka.**"

Illi ghalkemm huwa minnu illi kien hemm trapass ta' disa' xhur mis-seduta quddiem it-Tribunal ghall-intavolar tat-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, madankollu diment illi l-Arbitru kien ghadu ma ghaddiex ghal pronunzjament tieghu fuq il-kaz, is-socjeta appellanti, parti fil-kawza, kellha kull jedd tressaq tali talba. Din il-Qorti ma tistax hlief ticcensura il-fatt illi tali

talba giet injorata mill-Arbitru, li imbaghad ghadda ghad-decizjoni tieghu minghajr ma giet sorvolata il-kwistjoni jekk is-socjeta intimata kienx ghad ghandha il-jedd skond il-gustizzja naturali li tressaq il-provi taghha u tinstema’ fil-kaz intavolat kontrieha. B’hekk l-Arbitru ghadda ghas-sentenza sitt xhur wara minghajr ma ha in konsiderazzjoni il-fatt illi s-socjeta intimata riedet issemma lehinha.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Austin Gonzi vs Malta Drydocks Corporation (deciza 27/10/2004) jinghad:

“**Fl-ordinament guridiku bhal taghna it-tutela tal-jeddijiet fundamentali bazat ukoll fuq il-principji ta’ gustizzja naturali tantecedi l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni b’ hafna u hafna decenni u spiss taghti kopertura aktar u aktar komprensiva lil dawn il-jeddijiet. Ara “Grazio Tabone et - vs- L-Avukat Generali tar-Repubblika”, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta’ Lulju 2000;**

**Hekk jinsab assodat fi skorta ta’ decizjonijiet illi bordijiet u tribunali li jkollhom attribuzzjonijiet u funzjonijiet decizjonali ma jistghux, fl-espletament ta’ dawk l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet, jinjoraw il-principji bazici ta’ gustizzja naturali. Ghall-kuntrarju, hu anzi mistenni minnhom li jirrispettaw dawn l-istess principji li, proprju ghax fundamentali, jintitolaw lil kull parti fil-procediment li jkollha l-opportunita` li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha. Ara f’ dan is-sens decizjonijiet riportati a Vol. XXXII P II p 350; Vol. XXXIII P I p 648 u Vol. XXXVII P II p 675, fost ohrajn;**

**Ta’ min isemmi wkoll illi l-opportunita` tad-difiza pjena, anke jekk dan mhux precizat b’ mod kategoriku u dirett fl-accennati sentenzi, tinkorpora fiha l-principju daqstant iehor importanti ta’ l-hekk definit “equality of arms”. Principju dan illum sew stratifikat fi procedimenti ta’ indole kostituzzjonali u konvenzjonali.**”

Dan premess, il-Qorti hi sodisfatta li f’dan il-kaz s-socjeta appellanti sofriet pregudizzju u ghalhekk l-ewwel aggravvju minnha imressaq jimmerita li jigi akkolt. Abbazi ta’ dak deciz il-Qorti mhijiex ser tinoltra ruhha f’dan l-istadju sabiex tezamina l-aggravvji l-ohra sollevati.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u b' hekk il-Qorti qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Il-kawza qed tigi differita ghall-4 ta' Frar, 2015 biex hemm il-Qorti tisma' l-provi tal-partijiet u wara tghaddi ghat-trattazzjoni u definizzjoni tal-kawza skond kif stabbilit fl-Artikolu 22(4) tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ispejjez jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------